MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 341/2006

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fis-6 ta’ Gunju 1995 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fil-Knisja Parrokjali Santa Katerina taz-Zurrieq (Dok. A);

2. Illi wara z-zwieg l-attegjament tal-konvenuta versu zewgha inbidel u ma gabitx ruhha ta’ mizzewga fil-konfront ta’ zewgha l-attur;

3. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew b' anomalija serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

4. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ghaz-zwieg tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

5. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ta' l-attur inkiseb b' qerq min-naha tal-konvenuta;

6. Illi l-partijiet ma bdew ebda proceduri quddiem it-Tribunal Eklezjastiku;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ccelebrat bejn il-partijiet fis-6 ta' Gunju 1995 kif indikat f' estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru tmienja hamsa wiehed zbarra elf disa' mija u hamsa u disghin 851/1995 u dan ai termini ta' l-artikolu 19 sub-artikolu 1 para (c), (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenuta eccepiet illi fil-mertu, stante li l-esponenti taqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien vizzjat b' difetti serji, izda dan jahtu ghalih z-zewg partijiet u anke peress illi issa ghadda perjodu konsiderevoli li fih il-partijiet ghexu hajja ghal rashom, l-esponenti taderixxi ruhha mat-talba rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavids prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta' Gunju 1995 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], dak ta' l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], kollha ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha taghha l-konvenuta taqbel li z-zwieg taghhom huwa null fit-termini tal-paragrafu [d] imputabbli liz-zewg partijiet.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill provi  jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Gunju 1995 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 19-il sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal perijodu ta' hames snin b' diversi ntervalli. Wara konvivenza ta' erba snin u nofs il-partijiet isseparaw de facto, u fl-14 ta' Marzu 2002 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.  Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-versjoni ta' l-attur hija fis-sens li ftit wara li zzewwgu, il-konvenuta minn rajha telqet mix-xoghol, u maz-zmien bdiet aktar tohrog mid-dar.  Circa sena u nofs miz-zwieg, il-konvenuta kienet qaltlu li hi ma rieditx tfal minn tieghu, u l-attur jghid, li l-att taz-zwieg dejjem kien isir fil-prekawzzjonijiet. Sussegwentement huwa nduna li martu kienet qed tkun fil-kumpanija ta' ragel iehor, u kienet qed tirrifjuta li taghmel l-att taz-zwieg ma' l-attur. Minn hemm hekk l-inkwiet bejniethom zdiet u pprecipita fis-

separazzjoni de facto tal-partijiet. Huwa jghid li meta zzewweg lill-konvenuta huwa ried tfal u ried jibni familja, izda l-konvenuta ma rieditx hekk u ngannatu.

Illi l-konvenuta tghid li, nonostante li hi kienet tohrog ma' l-attur, hija qatt ma kienet thobbu, u di fatti kien ikollhom diversi kwistjonijiet matul l-gherusija. Hija qatt ma riedet tizzewweg lill-attur izda cediet that il-pressjoni kemm tal-genituri taghha kif ukoll ta' l-attur. Sadanittant, wara z-zwieg hija kienet tiehu l-pill minhabba kondizzjoni medika.

Hi tghid li matul il-konvivenza taghhom ta' sikwit kien ikollhm xi jghidu, stante li l-attur kien jghir ghaliha b' mod eccessiv u kien qed isir possessiv fuqha, bir-rizultat li l-attur [peress li kienu jghixu mal-genituri taghha] kien jitlaq mid-dar ghal xi zmien. Sussegwentement hija kienet terga' taghmel paci "minhabba l-mummy u d-daddy" . Hija tikkonferma li ma kienitx thobb lill-konvenut u li ma rieditx li jkollha tfal minn tieghu. Fi kliemha: "Ghax jiena <u>qatt</u> ma kont inhobbu."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifest li meta l-konvenuta zzewwget lill-attur hija ma kienitx thobbu u accettat li tizzewwgu sforz il-pressjoni da parti tieghu u tas-sitwazzjoni li kienet fiha f' dak iz-zmien. Eventwalment, ftit wara z-zwieg il-konvenuta rrealizzat li ma setghetx tghix kuntenta ma' l-attur, u di fatti kienet qaltlu car u tond li hi ma kienitx riedet tfal minn tieghu. Fix-xhieda taghha l-konvenuta kkonfermat li l-inkwiet matrimonjali taghha fl-ewwel sena ta' zwieg kien peress li "rrealizzajt li ma nistghax nghix hekk".

Illi f' ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti tirravviza fil-konfont tal-konvenuta l-eskluzjoni posittva da parti taghha, fis-sens li din, ghalkemm esternament ghaddiet minn ceremonja ta' zwieg, hija kienet eskludiet li tghix il-hajja konjgali, bid-dmirijiet essenzjali taghha, ma' l-attur; bir-rizultat li wara erba snin ta' konvivenza matrimonjali turbulenti l-partijiet isseparaw de facto.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 attribwibbli lill-konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat mill-partijiet fis-6 ta' Gunju 1995. L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------